# HOMPESCH U Ż–ŻEJTUN

Fi żmien l-Ordni Ġerosolmitan, iż-Żejtun kellu rabta ma' xi Gran Mastri li saltnu fuq Gżiritna. Qed nirrefei għal Gran Mastri: Fra Ramon Perellos y Rocaful (Spanjol) bejn1697 u 1720 (b) Fra Emanuel de Rohan (Franċiż) mill-1775 sal-1797, (c) Fra Fedinandu von Hompesch (Ġermaniż), li dam biss għal sena.

Perellos kien attenda għall-festa tradizzjonali ta' San Girgor, li qabel, sal-1781 kienet issr nhar it-12 ta' Marzu, il-jum liturġiku f'ġieh San Girgor. Perellos kellu residenza għal żmien s-sajf fiż-Żejtun, liema dar qiegħda fi triq Santa Katarina (magħrufa bħala "Casa Perellos"). Il-Gran Mastru kien jattendi għall-imsemmija festa, u jassisti għall-purċissjoni mill-gallerija ta' l-istess dar.

De Rohan, elett Gran Mastru f' Novembru ta' 1775, kien attenda għall-festa ta' San Girgor tat-12 ta' Marzu 1776. F'waħda mis-swali fil-bini tal-knisja Parrokkjali hemm sunett li kien stampat għall-okkażjoni taż-żjara tiegħu fiż-Żejtun. Skond informazzjoni li għandi fil-Mużew tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar ukoll hemm Sunett marbut maż–żjara ta' De Rohan fiż–Żejtun. Ħaż-Żabbar sa l-1615 kien għadu parti miż–Żejtun. Anke dwar iż–żjara li Hompesch għamel fiż-Żejtun għall-festa titulari tal-25 ta' Novembru ta' l-1797, hemm sunett ta' tifkira. Lura fil-parroċċa tagħna. L-arma ta' dan il-Gran Mastru tidher fuq il-lampier il-kbir (tal-festa) flimkien ma' dik ta' l-Isqof Alpheran li f-1744 ikkonsagra l-Knisja Parrokkjali.

**HOMPESCH**

Elett Gran Mastru erba'tijiem biss wara l-mewt ta' De Rohan (13.7.1797) fl-età ta' 12-il sena kien diġà Malta, bħala paġġ tal-Gran Mastru. Kien jammira ħafna lil Malta, u kien jaf tajjeb il-lingwa Maltija. Hompesch serva biss għal sena, għaliex il-Franċiżi ħadu Malta u hu flimkien ma' xi kavallieri u dawk minn ta' madwaru ħalla Malta fis-17 ta' Ġunju 1798 fuq bastiment merkantili Awstrijak fi triqtu għal Trieste. Kien abdika fl-1799 u miet f'Montpellier, Franza f'Mejju 1805.

**CITTA BYLANDT**

Meta kien Gran Mastru ġie mistieden jattendi għall-festa titulari, aċċetta u attenda. Wara xi ftit ġranet il-Viċi pargu Dun Ġwann Tortell, il-Kleru u l-poplu għamlu rikors lil Gran Mastru li fih talbu biex iż-Żejtun jingħata ġieh ta' BELT. Kopja ta' dan ir-rikors bi tweġiba fl-affemattiv (li xewqet iż-Żwieten seħħet) tinsab fis-sala prinċipali tal-Każin Beland. Bil-firma ta' l-awditur S. Zammit u bid-data 30 ta' Diċembru 1797, il-Gran Mastru ta liż–Żejtun it-titlu ta' belt **Bylandt** (kunjom ommu Isabella meta kienet xebba). Kienet okkażjoni unika, u sa fejn hu magħruf qatt ma ngħata titlu simili. Lis-Siggiewi kien taħt b'titlu ta' Belt ismu "Ferdinando", lil Ħaż-Żabbar kunjomu "Hompesch".

**ISABELLA von BYLAND-RHEYDT**

Twieldet fis-6 ta' Awissu 1709 (+21.9.1785) iżżewġet lil Johann Wilhelm von Hompesch zu Bolheim. Missierha Arnold Christoph (+ 3.2.1730) kien dixxiendent ta' Bylandt Schwartzerberg u kien ħa pussess tal-Kastell ta' Rheydt fl-15 ta' Mejju 1701. Ommha kien jisimha Anna Maria Theresia (+ 30.7.160). Kienu dista' titfal b'kollo, fosthom Isabella, u kollha twieldu fil-Kastell ta Rheydt.

**TIFKIRA**

Ta' dan il-Gran Mastru (Hompesch) li miegħu ntemmu 268 sena ta' ħakma ta' l-Ordni ta' San Ġwann fuq il-Gżejjer tagħna, iż–Żejtun iġib titlu b'isem intimu għal Gran Mastru, titlu li ntiret minn waħda mill-baned tal-lokal biex hekk jibqa' tifkira dejjiema tal-Gran Mastru Hompesch.

***Biex il-festa ssir sewwa jkun hemm persuni li taw il-ħila u l-ħin tagħhom. Imma l-festa jgawdiha kulħadd! Jekk għadek ma ġibtx l-envelope ħu ħsieb li tagħti l-offerta tiegħek kif tista', kemm tista'.***